MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 94/2005

Kawza fil-lista: 31

**Av.Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg socjetajiet esteri Adidas International Marketing B.V. u Adidas Salomon AG**
**Vs**
**Dottor Saviour Brincat u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera b' digriet tal-1 ta' Marzu 2005, u b' digriet sussegwenti tas-16 ta' Mejju 2005 l-imsemmi Dottor Saviour Brincat gie sostitwit b' Dottor Mark Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi s-socjeta' attrici Adidas International Marketing B.V., ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, tal-Olanda hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "three stripes device", liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A";

Peress illi dina l-ewwel socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markju distintiv "three stripes device" fil-komplessita' tieghu rregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No. 29740* (kif muri f'Dok "A"), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina l-ewwel socjeta' attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "three stripes device" u dan kollu ai termini ta' l-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi t-tieni socjeta' attrici Adidas-Salomon AG, ta' Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "three stripes device on clothing", "three foil device", u "adidas" liema markji huwa wzat mis-socjeta' attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "B"; "C", "D" u "E";

Peress illi dina t-tieni socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess marki distintivi "three stripes device on clothing", "three foil device", u "adidas" fil-komplessita' taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No. 10994* (kif muri f'Dok "B"), *Trademark No. 30173* (kif muri f'Dok "C"), *Trademark No. 13562* (kif muri f'Dok "D"), *Trademark No. 29878* (kif muri f'Dok "E"), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina t-tieni socjeta' attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinnji jew xogholijiet artistici "three stripes device on clothing", "three foil device", u "adidas" u dan kollu ai termini ta' l-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta'

Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi jirrizulta li fit-18 ta' Dicembru 2004 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM PUCCINI", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markju "three stripes device" u l-markju "Adidas" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'erbgha mija u tnejn u tletin (432) par, b'Container Numru PRSU2331970 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap. 414;

Peress illi mill-Polza ta' Kargu Numru TJN105393 jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma indikati bhala XXX9999 Libyan Olympic Committee, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma TJN1111 Mediteran Transportation Co., China;

Peress illi d-dhul gewwa Malta, u/jew esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghac-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta' intelletwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi dawn z-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali taz-zewg socjetajiet attrici, skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii), tal-KAP. 414, li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala "three stripes device", "three stripes device on clothing", "three foil device", u "adidas" kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet attrici ghandhom fuq l-imemmija markji distintivi rispettivi taghhomli huma wkoll xogholijiet artistici protetti bil-Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta – Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-artiklu 2(1)(b) tal-KAP. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tal-ewwel socjeta' attrici Adidas International Marketing B.V. f'isem iz-zewg socjetajiet attrici (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "F");

Peress illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu z-zweg socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “G”);

Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla f’piraterija (skond l- Artiklu 2(1)(a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta’ attrici, jigifieri Adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’erbgha mija u tnejn u tletin (432) par da parti tal-konvenut u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intelletwali ta’ dina s-socjeta’ attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 4 tal-KAP. 414 u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f’isem is-socjeta’ attrici bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta’ attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “three stripes device”;

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta’ attrici, jigifieri Adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’erbgha mija u tnejn u tletin

(432) par da parti tal-konvenut u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intelletwali ta' dina s-socjeta' attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-Artikolu 4 tal-KAP. 414 u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' attrici bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha "three stripes device on clothing", "three foil device", u "adidas";

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) - KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjetajiet attrici;

6. Tordna lil-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjetajiet attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li minn issa hija ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li permezz taghha eccepew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat li l-konvenuti ma ressqux provi, u lanqas prezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi t-talbiet attrici huma sostnuti mid-dokumenti esebiti u mill-affidavits ta' l-Avukat Dottor David Tonna u ta' George Agius, fizzjal tad-Dwana. Il-konvenuti nomine minn naha taghhom ma ressqux provi stante li s-socjeta' assenti ma ghamlitx kuntatt maghhom.

Ili stante li l-fatti sostnuti mill-attur nomine ma gewx kontradetti, it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti; u ai fini tar-raba talba tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-oggetti indikati fic-citazzjoni fi zmien hmistax il-gurnata millum. In propositu ghall-hames talba jigi osservat li l-attur nomine ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------